## MISTOQSIJIET

*Tgħid għax inħobbok, kewkba ċkejkunija?*
*Għaliex fl-iljieli nħares lejk fiss, fiss?*
*Kemm kwiekeb hemm jirbħulek fis-sbuħija;*
*Għaliex jien moħħi msammar fuqek biss?*

*Ma rajtx f'xi lejla minn ta' Mejju sbejħa,*
*Lil tfajla tishar, tħares dejjem lejk;*
*B'dak wiċċha ħlejju, bħallikieku f'sejħa*
*Li hija ttir 'il fuq sa tasal ħdejk?*

*Għalhekk inħobbok, kewkba ċkejkunija;*
*Għalhekk bil-lejl mhux ħarsa biss nagħtik*
*Għax naf li hemm it-tfajla tas-sbuħija*
*Li qiegħda wkoll b'għajnejha msammra fik.*

*U hi b'ħarsitha fik tkun toħlom fija,*
*U jiena fiha—kewkba ċkejkunija.*

Antoine DePares.
(Student, Kors tax-Xjenza).